# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 12**

**Rikors numru 950/20/1 FDP**

**Louis u Vivienne miżżewġin Scicluna, u Josette Spiteri u Maria Carmela Pace għal kull interess li jista' jkollhom**

**v.**

**Bank of Valletta plc, Joecar Limited (C16195), Vivienne Limited (C16197)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Novembru, 2022, li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank of Valletta plc u ddikjarat li l-atturi m'għandhomx l-interess ġuridiku sabiex iressqu l-kawża tal-lum u b'hekk

għaddiet biex tiċħad it-talbiet attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-21 ta' Ottubru, 2020, l-atturi fissru li l-kumpaniji Joecar Limited u Vivienne Limited kienu proprjetarji tal-fond 3 u 4 (li kien appartament Duplex), Fawwara Buildings, fi Triq Ġużè Fava, ġewwa tas-Sliema. Jgħidu li Vivienne Scicluna u Josette Spiteri kienu azzjonisti ta' dawn iż-żewġ kumpaniji.

3. Barra minn hekk jgħidu li l-atturi Louis u Vivienne Scicluna kienu krew il-proprjetà fuq imsemmija mingħand dawn il-kumpaniji u kienu joqogħdu fih bħala r-residenza unika tagħhom.

4. Ikomplu li l-Bank of Valletta plc mexxa b'mandat ta' żgumbrament (numru 1141/2010) kontra tagħhom, wara proċeduri ta' bejgħ bl-irkant ġudizzjarju (numru 47/2009). Huma kienu oġġezzjonaw għal dan il-mandat billi sostnew li kellhom titlu ta' kera fuq l-istess fond. B'konsegwenza ta' dan, infetħu numru ta' kawżi.

5. Fissru li fil-kawża fl-ismijiet ***Louis u Vivienne Scicluna v. Bank of Valleta plc et*** (rikors nru. 1138/2010) huma kienu talbu lill-istess Qorti sabiex, fost affarijiet oħra, tiddikjara li l-mandat ta' żgumbrament maħruġ

kontrihom kien null u bla effett minħabba t-titlu ta’ kera li kellhom. Il-Bank konvenut barra milli oppona għal dawn il-proċeduri, għadda biex ippreżenta kawża oħra fl-ismijiet ***Bank of Valletta plc v. Joecar Limited et*** (rikors numru 66/12) f’liema kawża talab lill-Qorti tiddikjara li l-intimati qegħdin jokkupaw l-appartamenti inkwistjoni mingħajr ebda titlu validu fil-liġi, u dan billi kwalunkwe titlu ta' kera li seta’ kellhom kien sar bi frodi tad-drittijiet tal-bank.

6. Dawn iż-żewġ proċeduri ġew deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020. Ġie deċiż fihom li kwalsiasi titlu ta' kera li l-atturi Scicluna seta’ kellhom fuq il-post kien sar bi frodi tad-drittijiet tal-bank. L-atturi iżda jgħidu li l-Qorti tal-Appell ibbażat ruħha fuq id-dikjarazzjoni tal-bank ċjoè: (a) li huma, u iktar minnhom missierhom, illum mejjet Joseph Pace, u l-kumpaniji li kellu missierhom (fosthom Joecar Ltd u Vivienne Ltd) kienu debituri tal-bank f’ammonti kbar ta' 'l fuq minn tliet miljun ewro; u (b) li l-bank kien ħallas €660,000 (*animo compensandi*) sabiex jikseb din il-proprjetà mingħand il-kumpaniji Joecar Limited u Vivienne Limited, u li għalhekk kull dritt li l-miżżewġin Scicluna seta’ kellhom fuq din il-proprjetà kien frawdolenti u leżiv tad-drittijiet tal-bank kreditur.

7. L-atturi saħqu li matul dawn l-aħħar għaxar snin, f’kull mument, il-bank dejjem irrifjuta li jagħti rendikont jew kalkolu ta' kif wasal għall-ammonti minnu pretiżi, u fejn kellu jagħti tagħrif kien jillimita ruħu li jagħti

biss it-total tal-ammont dovut lill-bank mingħajr ebda tifsira. Isemmu li fil-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ***Maria Carmela Pace et v. L-Avukat Ġenerali***, rappreżentant tal-Bank, Roderick Attard, spjega li filwaqt li l-bilanċ dovut mill-familja tagħhom u mill-kumpaniji relatati fis-sena 2008 kien ta' żewġ miljuni, id-djun tal-kumpaniji Joecar Limited u Vivienne Limited kienu jikkonsistu fis-segwenti: (i) Joecar Limited kellha tagħti total ta' €144,968.91 (€5,528.68 minnhom kienu interessi); u (ii) Vivienne Limited kellha tagħti total ta' €13,132.55 (€500.84 minnhom kienu interessi). Jgħidu li skont ir-rappreżentant tal-Bank, it-total li kellhom jagħtu dawn il-kumpaniji kien madwar €158,000, li minnhom €6,000 kienu imgħax.

8. Ikomplu li l-bank konvenut waqt is-subbasta li saret nhar it-22 ta' Ġunju 2010 offra li jħallas is-somma ta' €660,000 *animo compensandi* għall-fond li kellhom dawn iż-żewġ kumpaniji, liema offerta ntlaqgħet permezz ta' digriet tas-27 ta' Lulju, 2011. L-atturi jsostnu li ma jidhirx li dan l-ammont fil-fatt tħallas mill-Bank konvenut għaliex minn imkien ma jirriżulta liema djun tħallsu permezz ta' dan il-ħlas *animo compensandi* u lanqas ma jirriżulta jekk kienx tassew tħallas għaliex qatt ma ngħata rendikont lilhom jew lill-kumpaniji konvenuti l-oħra. Huma jissuspettaw li fil-fatt qatt ma saret tpaċija u għalhekk il-bank qatt ma ħallas l-ammont minnu dovut għal-liberazzjoni tal-fond.

9. Ikomplu li skont dikjarazzjoni rilaxxata mill-bank fil-5 ta' Lulju, 2013 lin-Nutar Ann Bugeja, uffiċjali tal-Bank iddikjaraw li l-familja tal-atturi u l-kumpaniji relatati kellhom dejn ta' aktar minn tliet miljun ewro inkluż l-imgħax, u li fost affarijiet oħra jirriżulta li d-dejn dovut direttament mill-kumpanija Joecar Limited kellu total ta' €203,744.82 (inkluż imgħax iżda eskluż spejjeż legali); filwaqt, li Vivienne Limited kellha tagħti total ta' €317.68 (inkluż imgħax iżda eskluż spejjeż legali).

10. L-atturi għalhekk ikkonkludew li: (a) minkejja li l-Bank kien suppost ħallas is-somma ta' €660,000 fis-sena 2010 għat-tpaċija tad-djun ta' Joecar Limited u Vivienne Limited, ma tnaqqas l-ebda ammont minn dak dovut minn Joecar Limited; u (b) minn kalkolu sempliċi tal-imgħax għandu jirriżulta li l-Bank ma ħax kont tal-ebda ħlas li kien sar bejn il-perjodu 2008 sa 2013 u dan minkejja li kien hemm numru ta' subbasti fuq diversi proprjetajiet relatati.

11. Ikomplu li billi l-Bank ma riedx jagħti rendikont tal-ħlasijiet kollha li saru, tnisslu fihom suspetti li xi rappreżentanti tal-Bank kienu jafu li fil-fatt kien hemm żball fil-kalkoli tad-djun tal-familja u tal-kumpaniji ta' Joe Pace, u żammew kollox mistur. Itennu li jekk jirriżulta li fil-fatt il-bank ma kienx ħallas l-ammont ta' €660,000 *animo compensandi* għandu jfisser li kwalsiasi liberazzjoni tal-fond inkwistjoni hija nulla u bla effett.

12. B’hekk l-atturi jsostnu li r-rappreżentant tal-Bank fix-xhieda tiegħu, xehed ħażin meta ddikjara li sal-10 ta' Jannar, 2012 is-soċjetà Joecar Ltd kienet debitriċi tal-bank fl-ammont ta' €190,755.25, filwaqt li Vivienne Ltd kienet debitriċi fl-ammont ta' €17,280.28. Ikomplu li jekk id-dikjarazzjoni fil-kawżi numru 66/12 fuq premess tax-xhud Joseph Grixti, Relationship Manager tal-Bank konvenut, bil-mezz tal-affidavit hija żbaljata u falza, allura l-pretensjoni tal-Bank konvenut abbażi ta' liema mexxa bl-azzjoni pawljana, u għall-iżgumbrament tagħhom tixxejjen. B’hekk skont l-istess atturi, jiġi li l-Qorti tal-Appell fis-sentenzi tagħha tas-27 ta’ Marzu, 2020 iddeċidiet fuq provi foloz u li ma jixhdux il-verità.

13. Isostnu li huma ġarrbu preġudizzju peress illi ġew imċaħħda mid-drittijiet tagħhom minħabba dik id-dikjarazzjoni falza u ħażina. Huma għalhekk għandhom interess illi jiġi dikjarat illi dik il-prova kienet falza, billi fil-fatt l-ebda kreditu m’għadu dovut sabiex b'hekk ikunu jistgħu jmexxu bi proċeduri għar-ritrattazzjoni tal-istess kawżi.

14. L-atturi għaldaqstant fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara, jekk meħtieġ, li l-Bank intimat naqas li jattribwixxi l-pagament animo compensandi għall-proprjetà 3 u 4 (li kien appartament Duplex), Fawwara Buildings, fi Triq Ġużè Fava, Sliema fit-termini stabbiliti fil-liġi u skont id-digrieti relattivi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara l-liberazzjoni tal-fond fl-atti tas-subbasta 47/2009;*
>
> *2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Bank intimat u/jew ir-rappreżentant tiegħu għamel dikjarazzjoni falza u/jew inkorretta fil-kawżi bin-numri*

*66/12 u 1138/2010 kif fuq premess u/jew kif ser jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni u b'riżerva ta' kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti naxxenti mill-fatti kif preżenti f'din il-kawża.»*

15. Il-kumpanija Bank of Valletta plc ippreżentat ir-risposta maħlufa tagħha fit-23 ta' Novembru, 2020 li permezz tagħha wieġbet hekk:

*«1. Illi preliminarjament, l-atturi mgħandhomx l-interess ġuridiku neċessarju sabiex iressqu l-azzjoni odjerna u għalhekk is-soċjetà konvenuta esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; kieku l-asserzjoni prinċipali tal-atturi kellha mill-verità - u dana huwa assolutament ikkonstestat u miċħud mill-eċċipjenti - ġaladarba l-pern tal-pretensjoni attriċi hija li l-Bank ma kkumpensax sew il-prezz tad-Duplex Apartment konsistenti fil-flett numru 3 u 4, 'Fawwara Buildings'. Triq Ġużè Fava. Sliema, jew li l-bank għamel xi dikjarazzjoni falza, din l-azzjoni kienet tispetta bħala atturi unikament lis-sidien preċedenti tal-fond imsemmi u ċjoè Joecar Limited u Vivienne Limited u mhux lill-atturi;*

*2. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju assolutament mhux minnu li l-Bank m'għamilx il-kompensazzjoni skont il-liġi: l-atturi konvenjentement isemmu il-bilanċ ta' €144.968.91 dovut minn Joecar Limited u l-ammont ta' €13,132.55 dovut minn Vivienne Limited bħala debituri prinċipali imma ma jsemmux il-miljuni ta' Ewro dovuti minnhom bħala garanti solidali skont is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' April 1998 fil-kawża fl-ismijiet, **'Bank of Valletta Limited v. Brittania Catering Companv Limited'**, fejn allura anke wara kull kompensazzjoni ż-żewġ soċjetajiet Joecar Limited u Vivienne Limited għadhom sal-lum xorta debituri tas-soċjetà esponenti f'Miljuni ta' Ewro;*

*3. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, anke kieku kien hemm xi żball fil-kompensazzjoni - u dana huwa assolutament miċħud mill-esponenti, dan qatt ma jista' jwassal għar-ritrattazzjoni ai termini tal-artikolu 811 (l)(j) tal-kawżi numru 66/12/1 u 1138/2020/1 stante li dawk il-kawżi ma kinux dwar bilanċi dovuti imma dwar kirja frawdolenti li intentaw l-atturi u s-soċjetajiet Joecar Limited u Vivienne Limited tal-istess Duplex Apartment; Huwa risaput li biex ikun hemm interess ġuridiku, it-talbiet kellhom iwasslu għall-finalità mixtieqa mill-atturi; Hawnhekk iż-żewġ causi petendi huma ben diversi:*

*4. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti umilment tissottometti illi assolutament mhuwiex minnu illi xi rappreżentant tas-soċjetà esponenti qatt xehed l-inveritier. Hawnhekk issir referenza partikolari għad-dokumenti li saret referenza għalihom*

*mill-atturi u ċjoè l-Affidavit ta' Roderick Abela esibit fil-proċedura 99/2018 LM fl-4 ta' Ottubru, 2019 u l-affidavit ta' Joseph Grixti esibit fl-atti tal-kawżi numri 1138/2010/1 u 66/2012/1.*

*5. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, is-soċjetà esponenti umilment tissottometti, illi l-atturi qed jippruvaw jiggranfaw mal-artikolu 811 (j) sabiex ikomplu jtawwlu l-eżekuzzjoni tal-iżgumbrament mill-proprjetà 3/4, Fawwara Buildings, Triq Ġużè Fava, Sliema u s-soċjetà esponenti umilment tissottometti illi l-atturi mhumiex in buona fede. Kieku verament kienu jemmnu illi kien hemm dikjarazzjoni falza, kienu jippreżentaw il-kawża odjerna ftit wara li ġie ppreżentat l-affidavit ta' Roderick Abela tal-25 ta' Settembru, 2019, li huma jagħmlu referenza għalih u mhux iħallu kważi sena tgħaddi u lill-esponenti tippreżenta Mandat ta' Żgumbrament sabiex joħorġu b'din l-allegazzjoni ġdida;*

*6. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti umilment tissottometti illi l-atti tal-kawżi numru 1138/2010/1 u 66/2012/1 finalment deċiżi fis-27 ta' Marzu, 2020 għandhom jiġu allegati u dan biex il-Qorti jkollha stampa ċara u veritiera tal-fatti kif ġraw matul is-snin u tal-akkuratezza li biha eżaminaw l-atti kemm il-Qorti ta' Prim'Istanza u kif ukoll il-Qorti tal-Appell f'dawk il-proċeduri, u dan kuntrarju għall-impressjoni li qed jippruvaw jagħtu l-atturi;*

*7. Illi subordinatment u mingħajr ebda preġudizzju, oltre mill-fatt illi l-liġi ma tipprovdix għal dan ir-rimedju, l-esponenti umilment tissottometti, illi l-azzjoni odjerna hija waħda altament abbużiva u rażenti d-disprezz lejn il-Qorti nostrani stante illi kif jidher mit-timeline tal-fatti kif ġraw matul is-snin, li ser jiġi elenkat fl-affidavit ta' Mary Grace Perrone hawn anness u nutrit b'diversi dokumenti. L-atturi, flimkien ma' kumpaniji minnhom affiljati, ilhom snin twal jippruvaw jevadu l-operat tal-ġustizzja u l-ordnijiet tal-Qrati fis-sentenzi u d-digrieti tagħhom u din hija biss manuvra oħra min-naħa tal-atturi sabiex jaħarbu mir-responsabbilitajiet tagħhom.*

*8. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju b'referenza għas-sittax-il (16) premessa tal-atturi, is-soċjetà esponenti umilment tissottometti illi mhuwiex minnu illi l-bank irrifjuta illi jagħti xi konteġġi lill-atturi stante illi dawn huma kollha esibiti fid-diversi proċeduri illi kienu u għadhom quddiem il-Qrati nostrani u għalhekk l-atturi dejjem kellhom aċċess għalihom. Huwa ovvju li biex il-Bank ġie kanonizzat kreditur tal-familja Pace u s-soċjetajiet magħhom affiljati, kellu bilfors jesibixxi l-prospetti u jinnotifika l-partijiet bihom u għalhekk tali premessa hija altament infondata;*

*9. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, kwalunkwe riferenza illi ssir għall-proċedura 99/2018 LM hija res inter alios acta għall-vertenza odjerna u dan peress illi l-vertenza 99/2018 LM tikkonċerna l-"Konkors ta' Kredituri" dwar Żbank ta' somom ta' flus iddepożitati l-Qorti sussegwentement għall-bejgħ in subbasta ta'*

*proprjetajiet li kienu jinsabu ġewwa Tigné Seafront, Sliema u li huma totalment u assolutament estranei għall-proċedura tal-blokka bl-isem 'Fawwara Buildings', Triq Ġużè Fava, Sliema;*

*10. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-atturi qed jokkupaw illegalment u abbużivament il-proprjetajiet li ġew liberati favur is-soċjetà esponenti snin twal ilu u li għalhekk a causa tal-aġir abbużiv tal-atturi, is-soċjetà bankarja esponenti qed ibati danni inġenti;*

*Fatti:*

*(1) Illi l-fatti kif imsemmija fir-Rikors Ġuramentat huma kkontestati mill-esponenti u jekk l-atturi jqisu li hemm xi verità fl-istess fatti għandhom jissostanzjawhom skont il-liġi;*

*(2) Illi s-soċjetà eċċipjenti taf bil-fatti fuq imsemmija di scelta propria u Johanna Bartolo ġiet awtorizzata biex tippreżenta din ir-Risposta Ġuramentata.»*

16. Il-kumpaniji konvenuti Vivienne Ltd u Joecar Limited permezz ta' nota ppreżentata fl-14 ta' Jannar, 2021 taw ruħhom b'notifikati bir-rikors promotur u bl-avviż tas-smigħ tal-kawża. Ma ppreżentawx risposta maħlufa.

17. Fid-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank of Valletta plc u ddikjarat li l-atturi m'għandhomx l-interess ġuridiku sabiex iressqu l-kawża tal-lum u għaddiet biex ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi.

18. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti fis-sentenza tal-24 ta' Novembru, 2022 li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«13. Jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi dina l-Qorti, f'dana l-istadju, ser tqis u tiddeċiedi unikament l-ewwel eċċezzjoni mqajma mis-*

*soċjetà intimata, ossia dik illi r-rikorrenti m'għandhomx l-interess ġuridiku neċessarju sabiex iressqu l-azzjoni odjerna u għalhekk l-istess soċjetà intimata kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*14. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna hija waħda prettament dikjaratorja, fejn il-Qorti qiegħda tintalab tagħmel żewġ dikjarazzjonijiet distinti:*

*a.Dikjarazzjoni li l-Bank of Valletta naqas li jikkunsidra pagament li kien għamel animo compensandi fis-subbasta 47/2009 fl-ismijiet 'Bank of Valletta p.l.c v. JoeCar Limited u Vivienne Limited';*
*b. Dikjarazzjoni illi l-Bank intimat għamel dikjarazzjoni falza u/jew inkorretta fil-kawżi 66/12 u 1138/2010.*

*15. Jirriżulta illi r-rikorrenti, fir-rikors promotur tagħhom, jikkontendu s-segwenti:*

*a. Li s-soċjetajiet Joecar Limited u Vivienne Limited huma propretarji tal-fond 3 u 4, Fawwara Buildings, Triq Ġużè Fava, Sliema.*

*b. Li l-konjuġi Louis u Vivienne Scicluna kienu krew tali propjetà mingħand is-soċjetajiet Joecar Limited u Vivienne Limited.*

*ċ. Li kemm Vivienne Scicluna u Josette Spiteri kellhom ishma fiż-żewġ kumpanniji, fi kwoti differenti.*

*d. Li ġew rinfaċċjati b'Mandat ta' Żgumbrament Nru 1131/2010 maħruġ mill-Bank of Valletta wara subbasta illi l-istess Bank kien għamel fl-ismijiet Bank of Valletta plc v. Joecar Limited u Vivienne Limited, Subbasta nru 47/2009.*

*16. Jirriżulta illi l-kawża odjerna hija parti minn serje ta' kawżi mibdija mir-rikorrenti riżultat tal-Mandat ta' Żgumbrament maħruġ fil-konfront tagħhom, li jinkudu s-segwenti:*

*a. Rikors Nru 1138/2010 fl-ismijiet 'Louis u Vivienne Scicluna v. Bank of Valletta plc, Joecar Limited u Vivienne Limited', fejn il-Qorti ntalbet tiddikjara il-Mandat ta' Żgumbrament nru 1141/10 bħala null u bla effett peress illi huma kellhom titolu ta' inkwilinat fil-fond li minnu kienu qed jiġu żgumbrati.*

*b. Rikors Nru 66/2012 fl-ismijiet 'Bank of Valletta plc v. Joecar Limited, Vivienne Limited u Louis u Vivienne Scicluna', fejn il-bank talab li jiġi annullat kuntratt ta' kiri datat 19 ta' Diċembru 1999 tal-fond 3 u 4, Fawwara Buildings, Triq Ġużè Fava, Sliema, minn Joecar Limited u Vivienne Limited a favur ta' Louis u Vivienne Scicluna u għalhekk tiddikjara li l-konjuġi Scicluna kienu qed jokkupaw il-fond bla titolu u għalhekk kellhom jiġu żgumbrati.*

*17. Jirriżulta illi l-proċeduri mibdija mir-rikorrenti, ossia 1138/2010, ma*

*kellhomx ir-riżultat mixtieq minnhom, peress illi fid-9 ta' Ġunju 2014, it-talba tagħhom ġiet miċħuda stante illi ġie ddikjarat illi ma kellhomx titlu ta' inkwilinat fuq il-fond li minnu kienu qed jiġu żgumbrati.*

*18. Jirriżulta illi tali deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2020.*

*19. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-proċeduri meħuda mill-Bank intimat, ossia 66/2012, ġew deċiżi a favur tagħhom fl-20 ta' Jannar 2012, fejn ġie deċiż illi l-konjuġi Scicluna ma kellhom ebda titolu ta' inkwilinat fuq il-fond u għalhekk l-istess konjuġi kellhom jiżgumbraw minn ġewwa l-fond sal-aħħar ta' Awwissu 2014.*

*20. Jirriżulta illi r-rikorrenti odjerni appellaw minn tali deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell, liema Qorti fis-27 ta' Marzu 2020 ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Prim' Awla u ordnat lill-konjuġi Scicluna sabiex jiżgumbraw sal-aħħar ta' Ġunju 2020.*

*21. Jirriżulta illi sussegwentement, flok mar-rikorrenti żgumbraw mill-fond kif lilhom ordnat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll il-Qorti tal-Appell, huma intavolaw il-proċeduri odjerni sabiex jiġi dikjarat dak fuq aħjar deskritt – ossia illi l-Bank intimat kien għamel dikjarazzjoni falza jew inkorretta fiż-żewġ proċeduri fuq imsemmija.*

*Ikkunsidrat*

*22. Kif ġa osservat il-Qorti aktar 'il fuq, is-soċjetà intimata qajmet, bħala eċċezzjoni preliminari, l-argument illi r-rikorrenti ma kellhomx l-interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni.*

*23. Jirriżulta illi kemm il-konsulenti legali tas-soċjetà intimata kif ukoll dawk tar-rikorrenti għamlu sottomissjonijiet eruditi sabiex jiddefendu l-pożizzjoni legali tagħhom.*

*24. Is-soċjetà intimata tikkontendi illi, fost affarijiet l-oħra, l-Mandat ta' Żgumbrament huwa riżultat ta' titolu li l-stess Bank ottjena kontra s-soċjetajiet Joecar Limited u Vivienne Limited, f'liema proċeduri m'għandhom ebda interess ġuridiku.*

*25. Ir-rikorrenti jikkontendu, da parte tagħhom, li huma għandhom interess ġuridiku peress illi d-deċiżjonijiet meħuda mill-Qrati fiż-żewġ sentenzi fuq imsemmija kienu riżultat ta' dikjarazzjoni qarrieqa tal-Bank meta ntqal li s-soċjetajiet Joecar Limited u Vivienne Limited kellhom jagħtu ferm anqas minn dak illi attwalment ġie ddikjarat bħala 'animo compensandi' waqt is-subbasta li wasslet għall-bejgħ tal-fond illi fihom huma jirrisjedu.*

*26. Qabel mal-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha, ikun opportun illi jiġu kkunsidrati ċerti punti legali tal-kwistjoni.*

*...*

*Konsiderazzjonijiet finali*

*31. Meqjusa l-fatti kif fuq spjegati, kif ukoll l-interpretazzjoni legali mogħtija mill-Qrati, kif fuq indikat, il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet finali tagħha.*

*32. Għandu jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi, kif iddikjarat mir-rikorrenti stess fir-rikors promotur, il-ħtieġa tal-ottjeneniment ta' dikjarazzjoni da parte ta' dina l-Qorti, li xhieda mogħtija mill-Bank intimat kienet falza kienu meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jagħmlu ritrattazzjoni tal-kawżi minnhom imsemmija.*

*33. Għandu jingħad ukoll illi ż-żewġ kawżi minnhom imsemmija, ossia dik minnhom magħmula permezz ta' Rikors Nru 1138/2010 u dik magħmula mill-bank intimat, għandhom ilkoll l-istess oġġett ta' kontestazzjoni – il-kirja illi ngħatat mis-soċjetà Joecar Limited u Vivienne Limited lill-konjuġi Louis u Vivienne Scicluna fis-sena 1999.*

*34. Huwa rilevanti jingħad illi, fiż-żewġ kawżi fuq imsemmija, ġie ddikjarat illi l-kuntratt ta' kiri li jivvantaw bih ir-rikorrenti konjuġi Scicluna kellu jiġi rexiss bl-applikazzjoni tal-'actio pawliana' u għalhekk l-istess rikorrenti kienu qed jokkupaw il-fond mingħajr ebda titolu.*

*35. Jirriżulta, mil-banda l-oħra, illi l-bażi tal-azzjoni odjerna hija allegazzjoni, da parte tar-rikorrenti, illi l-Bank intimat naqas illi jagħmilha ċara kemm kien dovut mas-soċjetà Joecar Limited u Vivienne Limited, liema nuqqas, ir-rikorrenti jridu jagħtu x'jifhmu, ippreġudika lill-istess rikorrenti fil-proċeduri minnhom mibdija u dawk mibdija mas-soċjetà intimata, in vista tad-dikjarazzjoni falza u inkorretta.*

*36. Il-Qorti tqis illi jkun opportun illi tirriproduċi parti mir-rikors promotur magħmul mas-soċjetà intimata fis-17 ta' Awissu 2009 li beda l-proċess ta' subbasta u li wassal għal dina il-proliferazzjonjiet ta' kawżi.*

*37. Fir-rikors promotur, il-Bank intimat kien qal is-segwenti:*

> *"Illi l-esponenti hija kreditriċi tas-soċjetajiet intimati Joecar Limited u Vivienne Limited fis-somma ta' miljun, tletin elf, disa' mija u tmintax-il Ewro u tletin ċenteżmu (€1,030,918.30) sorte, oltre l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet kanonizzati b'sentenza mogħtija fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April 1998, fl-ismijiet: "Bank of Valletta p.l.c. v. Brittania Catering Limited, u Joseph u Maria miżżewġin Pace, u Vivienne Limited, u Josette Limited, u Joecar Limited" flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sad-data ta' l-effettiv pagament - Ċitazzjoni Numru 2552/1996 NA, liema sentenza ġiet reża eżegwibbli permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti – Digriet numru 831/08JRM - datat 21 ta' April 2009 (Dok. "A");*
>
> *Illi llum, id-debitu tal-imsemmija intimati Joecar Limited u Vivienne*

*Limited ilaħħaq is-somma ta' żewġ miljuni, mija u disat elef, mitejn u tmienja u disgħin Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€2,109,298.26) flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Ġunju 2009 sal-jum tal-pagament effettiv;*

*Illi l-imsemmija intimati Joecar Limited u Vivienne Limited jipposjedu s-segwenti proprjetà immobiljari u ċjoè:*

*l-appartament bin-numru tlieta (3) u erbgħa (4) "Fawwara Buildings", Triq Ġużè Fava, Sliema, liema fondi huma appartament wieħed (duplex) li jinsab fis-sitt (6) u fis-seba' (7) sular mil-livell ta' Pjazza Sant' Anna, Sliema, inkluż is-sehem indiviż tal-partijiet komuni inklużi, partikolarment imma mhux esklussivament, it-tromba tat-taraġ, il-lift, u inkluż ukoll is-sehem indiviż tal-entratura indipendenti u esklussiva li tagħti għal Fawwara Lane, Sliema, u eskluża l-arja tal-blokk. L-imsemmi blokk ta' fletts jikkonfina min-Nofsinhar ma' Saint Anne Square, Punent ma' Tower Road u Tramuntana ma' Plaza Centre proprjetà ta' Plaza Enterprises Limited, libera u franka.*

*Illi l-imsemmi immobbli kien ġie akkwistat mill-intimati permezz ta' ċedola ta' fidwa numru 618/08 ippreżentata fit-30 ta' Mejju 2008 fir-Reġistru Pubbliku u l-esponenti qed tesibixxi kopja tal-imsemmija ċedola hawn annessa u mmarkata Dok. "B" u l-imsemmi fond jinsab delinejat bl-aħmar fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata Dok. "C";*

*Illi fuq il-proprjetà msemmija ġew iskritti s-segwenti ipoteki u ċjoè numri 12484/1994, 12486/1994, 12487/1994, 3051/1995, 13859/1995, 2806/1996, 13475/1996, 16229/1996, 13999/1996, 16213/1996, 17807/1998, 7257/1999/ 1264/2001, 1271/2001, 2425/2008, 8376/2008, 8377/2008, 8384/2008, 12485/1994, 13861/1995, 13862/1995, 17809/1998, 2424/2008. Illi ġew reġistrati wkoll l-ipoteki numru 8376/2008 u 8378/2008 u l-validità ta' tali ipoteki hija kontestata mir-rikorrenti.*

*Din il-proċedura qed issir mingħajr preġudizzju għall-proċeduri oħra intavolati kontra l-intimati mas-soċjetà rikorrenti.*

*Għaldaqstant s-soċjetà esponenti titlob bir-rispett illi in eżekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza tat-30 ta' April 1998, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid ta' ħwejjeġ immobbli tal-fond fuq imsemmi, kif ukoll tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha opportuni, u partikolarment imma mhux esklussivament dawk imsemmija fl-Artikolu 306 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet, u sabiex l-esponenti tottjenti l-ħlas tad-debitu lilha dovut, kif fuq spjegat, wara li tagħti l-opportuni provvedimenti."*

*38. Il-Qorti tqis illi r-riproduzzjoni ta' tali rikors huwa meħtieġ sabiex tingħata perspettiva tal-bażi tal-Mandat ta' Żgumbrament illi s-soċjetà intimata nediet fis-sena 2009 u li sa issa baqa' jiġi eluż mir-rikorrent permezz ta' proċeduri varji, intiżi esklussivament sabiex jassikuraw illi huma jibqgħu jirrisjedu fil-fond li fuqu huma m'għandhom ebda titlu.*

*39. Dana qiegħed jingħad, għax, filwaqt illi r-rikorrenti ttentaw il-proċeduri odjerni fejn allegaw li kien hemm dikjarazzjoni qarrieqa tal-*

*Bank intimat, il-Qorti predisposta tikkonkludi illi l-aġir qarrieqi, fil-każ odjern, huwa attwalment tar-rikorrenti, fejn, fis-sena 1999 jagħmlu kuntratt ta' lokazzjoni ben konxji tal-pendenzi illi s-soċjetajiet Joecar Limited u Vivienne Limited kellhom mal-Bank intimat, hekk kif jinħareġ Mandat ta' Żgumbrament fil-konfront tagħhom fis-sena 2010, wara subbasta 47/2009, jniedu proċeduri sabiex jiddikjaraw il-Mandat ta' Żgumbrament null u bla effett u, finalment, hekk kif il-Mandat ta' Żgumbrament ma jiġix dikjarat null fis-sena 2020, jittentaw il-proċeduri odjerni fejn jiddikjaraw illi x-xhieda li ngħatat setgħet kienet falza u skorretta, bi preġudizzju għalihom.*

*40. Ikkunsidrati l-elementi msemmija aktar 'il fuq dwar l-interess ġuridiku, il-Qorti tqis illi mill-assjem tal-fatti kollha, jidher ċar, fil-każ odjern, illi kwalsiasi dikjarazzjoni illi r-rikorrenti qed jistennew lill-dina l-Qorti tagħtihom, xorta waħda ma hija ser twassal għal ebda dritt lir-rikorrenti biex jikkontestaw il-Mandat ta' Żgumbrament li, fl-aħħar mill-aħħar, ir-rikorrenti kienu qed jikkontestaw fil-proċeduri tagħha 1138/2010.*

*41. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża Gauci v. Lanfranco deċiża fit-28 ta' Novembru 2003; fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromwovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'il quddiem;*

*42. Din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi b'dak mitlub mir-rikorrenti l-istess rikorrenti ser ikollhom interess ġuridiku biex jikkontestaw il-Mandat ta' Żgumbrament, u għalhekk l-eċċezzjoni tal-Bank intimat jimmerita illi tiġi akkolta.»*

19. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fit-23 ta' Diċembru, 2023, li permezz tiegħu ressqu aggravju waħdieni.

20. Il-Bank konvenut wieġeb permezz tar-risposta tiegħu tat-18 ta' Jannar, 2023 u ta r-raġunijiet għala r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud.

21. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih

għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet**

22. Din is-sentenza hija limitata għall-kwistjoni dwar jekk l-atturi għandhomx interess ġuridiku sabiex imexxu l-proċeduri tal-lum.

23. Permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu: (i) dikjarazzjoni mill-Qorti li l-Bank konvenut naqas milli jikkunsidra ħlas li kien għamel jew kellu jagħmel *animo compensandi* wara l-liberazzjoni tal-fond fl-atti tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju, bil-għan li jkun hemm tpaċija għad-dejn tal-kumpaniji Joecar Limited u Vivienne Limited; u (ii) dikjarazzjoni li l-Bank konvenut u/jew rappreżentant tiegħu għamel dikjarazzjoni falza f'żewġ kawżi li ġew deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020. L-atturi jgħidu li l-iskop ta' dawn id-dikjarazzjonijiet huma meħtieġa sabiex wara huma jmexxu bi proċeduri ta' ritrattazzjoni.

24. Permezz tal-aggravju waħdieni tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti wettqet għarbiel ħażin tal-provi li kellha quddiemha.

25. Huwa ovvju li l-għan aħħari tal-atturi, partikolarment tal-miżżewġin Louis u Vivienne Scicluna huwa li ma jiġux żgumbrati mill-fond mertu tal-

proċeduri tal-lum.

26. Fl-aggravju tagħhom l-atturi jsostnu li l-Ewwel Qorti fehmet ħażin x'inhu l-mertu tal-proċeduri mnedija minnhom. Fissru li l-proċeduri tal-lum mhumiex intiżi biex jiġi deċiż jekk il-Bank setax jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament abbażi ta' titlu eżekuttiv, iżda l-fatt li minkejja li l-Bank kiseb il-proprjetà permezz tas-subbasta, dan naqas li jħallas għal din il-proprjetà u minflok xorta waħda talab il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament. Isostnu li huma għandhom kull jedd li jkunu jafu fejn spiċċat is-somma ta' €660,000, u jekk jirriżulta li l-flus baqgħu qatt ma ġew allokati, dan ifisser biss li matul iż-żmien kollu, magħdud ukoll dak waqt il-kawżi preċedenti, il-Bank ikun ta stampa inveritjiera tad-djun. Isostnu li huma kienu garanti tad-djun. Jisħqu li l-Bank ċaħħadhom minn prospett u rendikont ta' xi djun hemm u l-ħlasijiet li saru fil-kontijiet. Fuq kollox jirreferu għat-tmien eċċezzjoni tal-Bank u jgħidu li din hija kuntrarja għall-pożizzjoni tal-Bank li m'għandhomx interess ġuridiku.

27. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-Bank appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li:

(i) l-għarbiel tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti twettaq b'mod tajjeb;

(ii) l-appell jirreferi għas-sentenza li ddeċidiet biss l-ewwel eċċezzjoni;

(iii) l-Ewwel Qorti ma daħlitx fil-mertu li l-Bank seta' jippreżenta mandat ta' żgumbrament, iżda kkonkludiet li kwalunkwe azzjoni li jistgħu jressqu l-atturi jekk l-azzjoni tal-lum tirnexxi mhix se tkun vijabbli. Il-Bank appellat jirreferi għall-fatt li l-appellanti ma kinux is-sidien tal-fond imsemmi u b'hekk l-*animo compensandi* ma sarx fir-rigward ta' proprjetà tagħhom iżda rigward proprjetà ta' Joecar Limited u Vivienne Limited. Fisser li t-tpaċija ssir awtomatikament skont il-liġi mingħajr ebda azzjoni la min-naħa tal-kreditur u lanqas tad-debitur u dan skont l-**Artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili**. B'hekk il-Bank appellat ma kellu ebda għażla u t-tpaċija tkun seħħet mal-kontijiet tal-kumpaniji konvenuti l-oħra;

(iv) L-atturi qatt ma kienu sidien tal-fond u d-digriet tal-liberazzjoni tal-fond tat-22 ta' Ġunju, 2010 jgħid b'mod ċar li: *«L-imsemmi fond kien proprjetà ta' Joecar Limited u Vivienne Limited.»*

(v) B'hekk jinżel li l-atturi m'għandhomx interess dirett fil-proċeduri tal-lum, għaliex b'mod ipotetiku l-partijiet li jistgħu jieħdu xi vantaġġ minnhom huma l-kumpaniji konvenuti l-oħra. Iżid li din l-azzjoni qiegħda biss tkun ta' ħsara għall-Bank billi minkejja l-mandat ta'

żgumbrament uħud mill-atturi għadhom jokkupaw illegalment il-fond;

(vi) Il-Bank appellat jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Marzu, 2020 (Rik Nru: 66/12) li permezz tagħha ġie ddikjarat li l-kirja tal-fond li l-kumpaniji konvenuti taw lill-miżżewġin Louis u Vivienne Scicluna kienet nulla. Żied li anke li kieku kienet valida, titlu ta' kera mhux l-istess daqslikieku sid;

(vii) L-atturi nfushom iddikjaraw li huma ma jafux fuq liema bażi qiegħda ssir il-kawża u l-avukat tagħhom jaf;

(viii) L-atturi qegħdin jiggranfaw mal-fatt li huma garanti tal-kumpanija Brittania Catering Company Limited u b'hekk isostnu li kellhom dritt iressqu l-azzjoni. Jgħid li l-fatt li l-atturi huma garanti ta' kumpanija li wkoll kellha bħala garanti lill-kumpanija Joecar Limited u lil Vivienne Limited ma jtihomx dritt li jippreżentaw il-kawża tal-lum. Biex ikollhom xi jedd l-atturi kellhom ikunu garanti tal-kumpaniji konvenuti; u kellhom jippreżentaw azzjoni fil-konfront tal-istess kumpaniji sabiex jiġi ddikjarat li huma kellhom jitħallsu għall-garanziji li huma taw permezz tal-proventi tal-appartamenti inkwistjoni. Dan ma setgħux jagħmluh għaliex il-bank huwa s-sid tal-proprjetà;

(ix) Il-kumpaniji konvenuti l-oħra għandhom personalità

ġuridikament separata;

(x) M'hemm ebda kontradizzjoni fir-raġunament tal-Ewwel Qorti u lanqas fl-eċċezzjonijiet mogħtija minnu; u

(xi) Ħlief għall-affidavit tal-attur Louis Scicluna, l-appellanti ma ressqux provi li huma verament għandhom interess ġuridiku sabiex iniedu din l-azzjoni.

28. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti u l-provi. Qieset li l-Ewwel Qorti tat sfond tajjeb ħafna tal-proċeduri kollha li kien hemm bejn il-partijiet u fehmet dak li qegħdin jippretendu l-atturi.

29. Din il-Qorti għalhekk tagħmel tagħha ir-riassunt tal-*iter* proċesswali mwettaq mill-Ewwel Qorti.

30. Il-Qorti tqis li l-interess ġuridiku huwa l-miżura u l-bażi tal-azzjoni. Ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess ġuridiku. L-attur f'kawża irid ikollu interess li jmexxi bl-azzjoni u jikseb l-ilqugħ tagħha. Dan l-interess irid ikun wieħed dirett, leġittimu u attwali. Biex persuna tressaq talba f'kawża u żżommha ħajja, din it-talba teħtieġ li tkun iġġibilha riżultat siewi u utli. Tassew, jekk l-azzjoni ma tistax twassal ***għal riżultat bħal dan għal min iressaqha, dik l-azzjoni ma tistax tirnexxi (ara***

***Robert Butler v. Lt. Col. John Philip d'Estoteville Shipwith*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu, 1964, ***Joseph Agius v. Vincent Ellul*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2002 u ***Henry Tabone v. Hilda Demajo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-3 ta' Novembru, 2004).

31. M'hemmx dubju li l-Qrati huma aċċessibbli għal kulħadd, iżda huwa magħruf ukoll li min iressaq talba quddiem il-Qrati jrid juri li huwa għandu dritt li ġie lilu miksur u li hu jrid li dak id-dritt jerġa' jiġi mogħti lilu mill-konvenut (ara ***Salvu Mintoff & Sons Ltd v. Road Construction Ltd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Diċembru, 2005; u ***Tas-Sold Construction Limited et v. Adrian Grech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell deċiża fil-15 ta' Ġunju, 2023).

32. Sfiq ma' dan, jingħad li fl-ordinament ġuridiku Malti jidher ċar illi għalkemm huwa essenzjali li jkun hemm l-interess ġuridiku meta proċedura tiġi proposta, jeħtieġ illi dan l-interess jinżamm ħaj matul id-durata ta' dik l-istess proċedura, b'dan illi jekk minħabba xi ċirkostanza li tavvera ruħha waqt il-mori tal-proċedura dik il-proċedura ma tkunx tista' tagħti riżultat vantaġġjuż lil min ikun ressaqha, allura jkun jista' jingħad li l-azzjoni ma tibqax iżjed vijabbli. Kif intqal min din il-Qorti fil-kawża ***Amato Gauci v. Zammit*** deċiża fid-19 ta' Mejju, 2014:

> *«Jekk l-azzjoni ma tkunx kapaċi twassal għal tali riżultat utli għal min jipproponiha minħabba fatt sopravvenut għall-istituzzjoni tal-kawża li*

*jeżawrixxi jew jestingwi l-interess, dik l-azzjoni ma tistax treġi.»*

(ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Zeynep Buhagiar v. Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati et;*** kif ukoll, dik tal-5 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Nicholas Valenzia nomine v. Hermes Aviation Limited****).*

33. Meta titqies il-ġurisprudenza fuq imsemmija u tħaddimha għall-provi mressqa fid-dawl tat-talbiet attriċi, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb.

34. Hekk kif irriżulta mill-provi, il-fond li jissemma mill-atturi appellanti kien proprjetà tal-kumpaniji konvenuti Joecar Limited u Vivienne Limited. Dan il-fatt mhux ikkontestat. Jirriżulta wkoll mill-provi li fil-fatt il-miżżewġin Scicluna qegħdin jagħmlu minn kollox sabiex ma jiġux żgumbrati mill-istess fond. Dan minkejja sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Appell u li abbażi tal-istess inħareġ il-mandat ta' żgumbrament.

35. Hekk kif wieġeb il-Bank appellat, id-digriet li permezz tiegħu saret il-liberazzjoni tal-fond, wara l-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju, u fejn intlaqgħet it-talba tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel l-offerta tiegħu *animo compensandi*, kien intiż sabiex jinqata' d-dejn tal-kumpaniji konvenuti l-oħra. Għalhekk anke li kieku kellu jirriżulta li dak allegat mill-atturi huwa minnu, dan ma jkunx ta' siwi biex l-appellanti jikkontestaw il-mandat ta'

żgumbrament.

36. Hekk kif wieġeb il-Bank, l-impressjoni li ħadet din il-Qorti hija li l-appellanti jiftħu proċeduri, jistennew x'se jkun l-eżitu tagħhom biex imbagħad joħorġu b'xi ħaġa ġdida biex ikompli jitwal iż-żmien sabiex il-jeddijiet tal-Bank ikomplu jiġu elużi.

37. Barra minn hekk, l-atturi donnhom qegħdin jinsew li kumpanija għandha personalità ġuridika separata u distinta. B'hekk il-fatt li Vivienne Scicluna u Josette Spiteri huma azzjonisti fil-kumpaniji Joecar Limited u Vivienne Scicluna ma jbiddel xejn. Is-sidien tal-fond 3 u 4, Fawwara Buildings, fi Triq Ġużè Fava, f'tas-Sliema kienu l-kumpaniji konvenuti l-oħra u mhux Vivienne Scicluna u Josette Spiteri. L-atturi l-oħra Louis Scicluna u Maria Carmela Pace ma jirriżultax li kellhom xi konnessjoni mal-fond, ħlief għall-fatt li Louis Scicluna huwa r-raġel ta' Vivienne; u Maria Carmela Pace, għalkemm setgħet kienet debitur prinċipali ,madankollu mal-fond ma kellhiex x'taqsam.

38. Għalhekk dak mitlub mill-appellanti, anke kieku huwa veru, mhux se jkun ta' fejda għalihom hekk kif imfisser tajjeb mill-Ewwel Qorti.

39. L-atturi jippruvaw jiggranfaw mal-fatt li huma garanti personalment għad-djun tal-kumpaniji konvenuti, iżda jirriżulta li huma garanti tal-

kumpanija Brittania Catering Company Limited fejn anke l-kumpaniji konvenuti huma garanti għall-istess. Għalhekk anke dan l-argument ma jistax ikun ta' għajnuna għat-teżi tagħhom.

40. Fl-aħħar nett jingħad li l-argumenti mressqin mill-appellanti dwar il-jedd tagħhom li jkunu jafu x'sar mis-somma ta' €660,000 u dwar il-jedd tagħhom li jingħataw rendikont mill-Bank appellat huma pwerili. Ma jistax ma jiġix innutat li fid-digriet tas-27 ta' Lulju, 2011, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili meta ddegretat fuq ir-rikors ta' kompensazzjoni tal-Bank appellat, fl-atti tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju numru 47/2009AE, fejn laqgħet it-talba u approvat il-kompensazzjoni, qalet li din tal-aħħar: *«saret permezz taċ-ċedola li ppreżenta l-Bank of Valletta plc fil-25 ta' Ġunju, 2010 (numru 832/2010), għas-somma ta' sitt mija u sittin elf ewro (€660,000).»* Jidher ukoll mid-dokumenti esibiti li l-Bank appellat ta rendikonti matul iż-żmien u mhux kif allegat mill-atturi.

41. Għalhekk dan l-aggravju waħdieni se jiġi miċħud għaliex mhux siewi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda <u>**tiċħad**</u> l-appell tal-atturi appellanti u b'hekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda

tiġi kkonfermata, b'dan li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ibatuhom l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da